**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 425/2016**

**PV**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C30053)**

**Seduta tas-27 ta' Settembru 2017**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment fejn l-ilmentatur jghid:**

Illi kien gie offrut lilu mill-*GlobalCapital Financial Management Ltd.* (il-provditur tas-servizz) il-prodott *Lifemark S.A. Secure Income Bond 5 Eur-G* ( fil-qosor *SIB*) u hu investa s-somma ta' €37,000.

Illi dan l-investiment sar flimkien ma' iehor li kien mar tajjeb.

Illi wara sitt xhur gie l-ewwel rendikont u kien hemm xi habib tieghu li qallu li 'dan l-*income bond* kien falla kollox.'

Illi huwa tkellem ma' Noelene Mangion, *Planning Officer* tal-provditur tas-servizz, u qaltlu li, ghalkemm kien hemm xi diffikultajiet, ma kellux ghalfejn jinkwieta ghaliex flus kien hemm minn fejn jithallas.

Illi kien qara l-*Prospectus* u deherlu li l-investiment kien sod. Kull sitt xhur kien jircievi l-karti minghand il-*GlobalCapital* fejn jghidu li qeghdin il-Qorti Ingliza.

Illi l-ewwel qalulu li kienet ser issir '*restructuring*', imbaghad '*liquidation*'.

Illi z-zmien kompla ghaddej u, imbaghad, gie deciz li jiehu biss is-somma ta' €6,000, imqassmin f'cekkijiet.

**Il-provditur tas-servizz wiegeb hekk:**

1. Illi preliminarjament, jigi rilevat ghall-fini ta' kjarezza illi l-eccepjenti rceviet ittra mill-OAFS datata 12 ta' Settembru 2016, liema ittra indikat ilment kontra l-eccepjenti sottomess mill-ilmentatur odjern; madankollu, jirrizulta ili l-ilment odjern huwa, **kjarament u minghajr ebda dubju**, indirizzat lejn "*Global Ca p i ta l*" u certi Donatella Spiteri u Noelene Mangion; ghaldaqstant, filwaqt li teccepixxi li "*Global Capital*" hija ditta u mhux socjetà b'personalità guridika distinta u ghalhekk l-ilment kif dedott ma jistax jigi milqugh u ghandu jigi michud bhala irritwali, l-eccepjenti qed tqajjem ukoll is-segwenti eccezzjoniet ghal kull buon fini;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, s-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ma ghandux il-kompetenza taht il-Ligi, partikolarment l-Artikoli 19(1) u 21(1) tal-Kap. 555, li jisma' l-ilment odjern inkwantu "*Global Capital*" bhala ditta ma ghandhiex personalità guridika u ghalhekk mhix u qatt ma tista' tkun "*provditur tas-servizzi finanzjarji*" u kwindi l-ilmentatur ma huwiex "*klijent eligibbli*" fil-konfront ta' "*Global Capital*" kif citata fl-ilment odjern;

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta' relazzzjoni guridika stante illi "*Global Capital*" bhala ditta qatt ma rrendiet ebda servizz lill-ilmentatur;

4. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi "*Global Capital*" bhala ditta mhix il-legittimu kuntradittur tal-ilmentatur, u dan kif jirrizulta **ampjament** mid-dokumenti annessi mal-ilment odjern, u lanqas qatt ma setghet "*Global Capital*" bhala ditta taghti tali servizzi stante li "*Global Capital*", bhala entità guridika, ma tezistix;

5. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont illi l-ilmentatur qed jallega li gie misruq kif ukoll li l-investiment *de quo* kien sofistikat wisq u ma kienx tajjeb ghal investituri zghar, u ghalhekk jista' jaghti l-kaz (ghalkemm mhuwiex sufficjentement car) illi qed jigi inferit li l-kunsens tieghu kien vizzjat in kwantu inbieghlu investiment li kieku ma kienx jaccettah kieku kien jaf li kien sofistikat, l-eccepjenti qieghda tinvoka l-preskrizzjoni ta' sentejn abbazi tal-Artikolu 1222(1) et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta wkoll *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit il-*casus*, *stante* li kwalunkwe telf li seta' garrab l-ilmentatur huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-krizi finanzjarja li d-dinja dahlet fiha fl-2008 (*Lehman Brothers* falla fil-15 ta' Settembru 2008);

9. Illi, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa car illi l-ilment jittratta effettivament kwisjtoni ta' telf fl-investiment; l-eccepjenti ma tistax tinstab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li ma kienitx tiggestixxi; u dan apparti l-fatt illi l-eccepjenti tagixxi bhala intermedjarju biss bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur ghax-xiri tal-investiment;

10. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess ilmentatur, u dan, *inter alia*, *stante* illi t-telf f'investiment ma jgibx wahdu r-responsabbilità awtomatika u/jew vikarja tal-fornitur tas-servizz izda jrid jigi imputat xi tort attribwibbli lill-fornitur tas-servizz u ma hux minnu assolutament li l-ilmentatur gie "misruq" mill-eccepjenti kif qed jigi allegat, jew li effettivament l-ilmentatur inghata xi servizz jew parir hazin;

11. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf verament soffert mill-ilmentatur, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jirrizulta li l-ilmentatur garrab xi telf fuq l-investimenti in kwistjoni, b'daqshekk ma jsegwix illi l-eccepjenti huma responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi apparti minn hekk, tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentatur lanqas ma jista' jippretendi illi kieku investa flusu f'investiment iehor il-kapital kien se jibqa' shih;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' x-xhieda**

**Ra d-dokumenti kollha esebiti**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

L-Arbitru qed jiehu l-ewwel erba' eccezzjonijiet kollha f'daqqa. Skont verbal tad-9 ta' Novembru 2016,[1] saret korrezzjoni fl-okkju u gie dikjarat li dawn l-eccezzjonijiet issa huma ezawriti.

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz jaghti tlett eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni ibbazati fuq l-Artikoli 1222(1), 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

*'L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan*

[1] A fol 129

*jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.'*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexissjoni ta' obbligazzjoni, izda l-ilmentatur qed jghid li l-prodott li nbiegh lilu ma kienx idoneju ghalih ghaliex tali investiment ma kienx addattat ghal investituri '*specjalment zghar bhali'*.

Ghalkemm uza l-kliem "*gejt misruq*", wiehed irid japprezza li dan l-ilment sar minn *retail investor* li ma kienx assistit, u anke l-Kap. 555 jipprovdi li l-ilment irid jigi deciz fuq il-merti tal-kaz aktar milli fuq ezattezzi formali. Wiehed irid jiehu l-ilment kollu f'daqqa, u mhux jibbaza fuq certi kliem biss.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza '**Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et', (Deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 – Vol LXXXII.II.751),** dik il-Qorti osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preskrizzjoni hija dik tal-azzjoni kriminali), dawk derivanti minn htija akwiljana (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn), u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin).[2]

Imbaghad, il-Qrati taghna sostnew ukoll:[3]

*'Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

[2] Ara wkoll, 'Emanuele Cassar vs Marija Ciappara' (Deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu, 1953)

[3] Go p.l.c. vs Charles Dimech, PA 28/07/2011

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza **Avv Dr. Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili:*

*Il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali. (Stivala vs Colombo , PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622).'*

Minkejja li l-kliem uzat fl-ilment seta' kien aktar preciz, fl-essenza tieghu qed jghid li sofra t-telf ghaliex inbieghlu prodott li ma kienx addattat ghalih, u ma ntqalx lilu x'inhuma r-riskji inerenti f'dak il-prodott, jigifieri nuqqasijiet li johorgu minn relazzjoni kuntrattwali li nholqot mal-bejgh tal-prodott *de quo*. Il- *Purchase Contract Note*[4], il-*File Note*[5], il-*Client Profile*[6] kollha juru li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, u n-nuqqasijiet li semma' l-ilmentatur johorgu minn din ir-relazzjoni kuntrattwali.

Ghalhekk, l-eccezzjoni a bazi l-Artikolu 2153 mhix sostenibbli.

L-ahhar eccezzjoni dwar preskrizzjoni hija ibbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Apparti diversi regoli li jirregolaw dan l-istitut, fosthom li min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha; li ghandha tinghata interpretazzjoni ristrettiva lill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni; u li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jichad l-eccezzjoni, il-Kodici Civili jistabbilixxi li min jeccepixxi l-preskrizzjoni jrid jipprova wkoll minn meta l-ilmentatur seta' jezercita dik l-azzjoni.

**Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li*:***

***'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

[4] A fol 11
[5] A fol 17
[6] A fol 138

Il-provditur tas-servizz jghid li dan il-perjodu ghandu jibda jghodd mill-25 ta' Novembru 2008, il-gurnata li fiha sar l-inkontru bejn il-provditur tas-servizz u l-ilmentatur.

Illi l-Arbitru ma jhossx li l-kaz ikkwotat mill-provditur tas-servizz li jittratta dwar kaz ta' hsarat f'fond li, hafna drabi f'dawn il-kazi, ma jkunx daqstant difficli li jista' jigi stabbilit il-perjodu minn mindu tkun tista' ssir l-azzjoni, huwa daqstant relevanti ghall-kaz odjern.

F'kazi ta' investiment fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, iz-zmien li fih tista' tigi ezercitata azzjoni - u azzjoni bis-serjetà - hafna drabi jkun hafna wara li jkun inbiegh il-prodott ghaliex sakemm l-andament tal-prodott ikun sejjer tajjeb, hadd ma jissuspetta li nbieghlu prodott hazin. Ghalhekk, zgur li l-perjodu tal-preskrizzjoni ma jistax ikun minn dakinhar li inghata parir u nbiegh il-prodott kif qed jippretendi l-provditur tas-servizz.

Apparti dan, kif xehed l-ilmentatur, hu ma setax jiehu azzjoni, lanqas wara li gie infurmat li kien hemm l-inkwiet ghaliex ir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz assiguratu li kien hemm flus bizzejjed biex jithallas u seta' jserrah rasu.

Il-ligi trid tigi interpretata b'mod ristrettiv u, fejn hemm dubju, l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Barra minn hekk, l-ilmentatur xehed (mhux kontradett) li hu baqa' jircievi l-pagamenti sal-2013 u 2014. Sa Gunju tal-2016, ircieva *statement* fejn intqal lilu li l-investiment tieghu kien ta' €37,000, li jfisser li kien ghad ghandu l-valur originali:

*'Imbaghad wara saret il-liquidation u hadt €6,000. Bejn wiehed u iehor niftakar li l-ahhar cheque hadtu xi sentejn jew tlieta ilu. Lanqas biss infurmawni li dak kien l-ahhar cheque. Sa Gunju 2016 baghtuli statement fejn qaluli li l-investiment tieghi hu ta' €37,000, meta jien xi sentejn, tlett snin ilu hadt l-ahhar cheque….'*

Allura, jidher li sal-2013 u 2014 kien ghadhom isiru l-pagamenti u sa Gunju 2016, kienu qed jghidulu li l-investiment kellu l-istess valur ta' meta investa.

Galadarba l-ilmentatur baqa' jigi assigurat, anke sal-2016, li ma kellux ghalfejn jinkwieta, mhux mistenni mill-ilmentatur li kellu jiehu xi forma ta' azzjoni kontra l-provditur tas-servizz sa dak iz-zmien.

L-Arbitru jkun qed jaghti lok li jinholqu ingustizzji jekk ihalli sitwazzjoni fejn parti zzomm lill-parti l-ohra imdendla billi tghidilha biex ma tinkwetax ghaliex kienet qed tfittex soluzzjoni, imbaghad l-istess parti tuza dik is-sitwazzjoni biex thalli l-perjodu preskrittiv jghaddi bhala protezzjoni ghaliha nnifisha b'ingann tal-parti l-ohra.

Minn meta l-ilmentatur seta' realment jezercita l-azzjoni sad-data tal-prezentata tal-ilment, m'ghaddewx hames snin u, ghalhekk, l-azzjoni mhix preskritta.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-eccezzjoniet dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

**Fil-Mertu**

**Il-prodott *Lifemark S.A. Secure Income Bond 5* (fil-qosor l-*SIB*)**

Dan il-prodott, l-*SIB,* kien ibbazat fuq negozju fil-pensjonijiet dwar il-hajja fis-suq Amerikan. Dan il-kaz jittratta dwar il-bejgh tal-prodott *Keydata International Secure Income Bond,* li kif jidher mill-*brochure*,[7] ippronunzja ruhu bl-aktar mod enfatiku li jaghti qligh ta' 7.5% kull sena fl-iSterlina u 7% fis-sena fid-Dollaru u l-Ewro ghall-perjodu ta' hames snin.

Is-*Secure Income Bond Fund* (*SIB*) kien investiment tal-kategorija *asset-backed securities.* Minghajr ma wiehed joqghod jidhol fid-dettal tal-istruttura legali (u kumplikata tieghu), l-*SIB* kien jinvesti f'*bonds* (*security bonds*) li l-assi *underlying* taghhom kienu poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja ta' individwi Amerikani.

Dan il-prodott, fost affarijiet ohra, falla ghaliex l-analizi tal-aspettattiva tal-hajja/mewt tal-*life-assured* ma kienetx korretta. Aktar ma wiehed idum haj, aktar irid idum ihallas *premium* biex il-polza tibqa' hajja inkella titlef fil-valur.

[7] A fol 240 et seq

Dan johloq problema ta' likwidità biex tkompli ssostni finanzjarjament il-mudell kompost minn diversi poloz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja.

Dan kien riskju li hafna analisti ma tawx kazu. Imma kien, fil-fatt, aspett importanti hafna. Minhabba l-avvanzi fil-medicina, hafna nies jibqghu jghixu ghal zmien itwal u b'hekk, il-*premium* irid idum jithallas ghal numru ta' snin aktar.

**Jekk l-analisti u nies professjonali li kellhom esperjenza biex janalizzaw dawn il-prodotti ma waslux ghal dan, allura lanqas wiehed jistenna li *retail investors* setghu jaghmlu dan.**

**Apparti l-fatt ukoll li l-isem *SECURE INCOME BOND* jaghti lill-investitur bla esperjenza x'jifhem li l-investiment huwa wiehed sikur u bla riskji, jew riskji baxxi u limitati.**

Hekk gara fil-kaz *de quo,* fejn l-ilmentatur jghid li qara l-*brochure* u kien fehem li l-prodott deher tajjeb ghalih, minghajr ma rrealizza li, fil-fatt, kien prodott kumplikat biex tifhmu.

Jekk wiehed ihares lejn il-*brochure* tipiku tal-*SIB*[8] jara li mal-ewwel faccata, bi prominenza kbira, hemm rati tajba ta' dhul (*Annual Income Over 5 Years*), ritratt kbir ta' *lighthouse* (simbolu tas-sigurtà) u b'indikazzjoni ta' x'inhuma l- beneficcji u l-kwalità tal-prodott:

*'Aims to provide return of capital after 5 years:*

*Bond invests in cash and assets by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent;*

*Quarterly income option available'.*

Ghalkemm fl-istess *brochure* jissemma' li jista' jkun hemm xi riskju ghall-kapital, u jista' jkun hemm xi tnaqqis fl-ahhar jew jekk tigbed l-investiment qabel, però l-enfasi qieghda fuq il-beneficcji li kien joffri dan il-prodott.

[8] Ibid

Taht it-titolu[9] ***Benefits at a Glance,*** hemm dan it-test:

> *> An investment with NO Stock Market Exposure*
> *> Investing in cash and assets issued by institutions rated 'A' or better by Standard & Poor's or equivalent*
> *> Available via banks, stockbrokers and direct investment*
> *> Low minimum investment – Only GBP10,000 / USD20,000 / €10,000*
> *> The bond will be listed on the Luxembourg Exchange*
> *> The issue is regulated and authorised by the CSSF the Financial Regulator in Luxembourg.*

- Hemm ukoll dan b'tipa kbira: ***A lower risk profile and a higher level of income allows you to receive the income you need without the worry of stock market falls.***
- Fil-qiegh tal-pagna 9,[10] hemm dan il-kliem b'tipa izghar: ***Capital is not guaranteed. Like all investments there are certain risks involved which are highlighted within the section 'Key Features" on page 13.***

Il-prodott kellu riskji – il-kapital ma kienx garantit, u kif kien se jmur kien pjuttost ibbazat fuq il-*performance* ta' prodotti ohra simili ta' dak iz-zmien, apparti l-mudelli matematici u l-*assumptions* li jigu ma' dawn il-mudelli.

Ir-riskji kif deskritti forsi kienu jaghtu l-impressjoni li ma kienux ivarjaw wisq minn uhud mill-prodotti l-ohra ta' investiment li forsi kienu qed jigu offruti lil investituri ohra. Il-prodott fl-ebda mument ma kien iwieghed protezzjoni assoluta ghall-kapital.

Però, ma jistax jitqies li dak iz-zmien li nbiegh l-*SIB*, kien investiment b'riskju baxx. Anzi, kien investiment **f'kategorija ta' riskju medju ghal riskju gholi.**

Dan mhux qed jinghad *with the benefit of hindsight,* imma ghaliex in-natura tal-prodott – li jinvesti f'*bonds* li jinvestu f'poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja –

[9] Pagna 5 tal-*brochure* a fol 244
[10] A fol 248

u l-istruttura innifisha tal-investiment kienu jaghmlu l-*SIB* investiment riskjuz li ma kienx addattat ghal *retail investors* kif kien l-ilmentatur.

Dawn it-tip ta' investimenti huma *Asset-Backed Securities* li huma prodotti kumplessi u ta' riskju gholi.

Meta l-*MFSA,* li hija r-regolatur f'dan il-qasam, rat li kienu qed jinbieghu prodotti li huma *Asset-Backed Securities* bhal dan il-prodott, interveniet billi harget: *Warning to prospective investors about Asset-Backed Securities* fejn qalet:[11]

*'The Malta Financial Services Authority (MFSA) has come across local media adverts, reports and product documentation about investments in 'bonds' or 'fund accounts' whose performance is linked to assets, such as life insurance policies or currencies (referred to as asset-backed investments). By their very nature, these investments are not easy to understand.*

*Despite the fact that they may be promoted as 'alternative' to traditional or conventional investments, these are investment opportunities which involve substantial risks, in particular liquidity risks, whereby the investor may be unable to sell his investment ……..'*

*'When it comes to redemption (selling) of these investments, these …. restrict the investor from selling his holdings before the investment matures …..'*

***Consumers should be aware that the characteristics of these products make them unsuitable for unsophisticated investors. These products are generally considered appropriate for investors who have experience and knowledge to understand how these financial instruments work and can afford to take the relevant risks.'***

Huwa minnu li dan l-avviz lill-investituri hareg wara li nbiegh il-prodott *de quo* lill-ilmentatur, imma li qalet l-*MFSA* kien proprju dwar dawk il-prodotti li kienu qed jinbieghu fis-suq (bhal-*Lifemark*) li ma kienux idoneji ghal *retail investors;* u r-riskji li rat l-*MFSA* kienu digà jezistu fil-prodotti li nbieghu, u li l-provdituri tas-servizz kienu jew konxji taghhom u xorta bieghu il-prodotti, jew m'ghamlux

[11] *MFSA Consumer Media Release* 13/11/2009 (ref. 05/2009)

*due diligence* serju tal-prodott qabel ma bieghuh. Fiz-zewg xenarji, l-provditur tas-servizz igorr responsabbiltà.

Dan il-prodott inbiegh lill-ilmentatur nhar it-12 ta' Dicembru 2008,[12] u ghalhekk kienu fis-sehh ir-regolamenti tad-Direttiva *MiFID,* u l-*MFSA* kienet harget l-*Investment Services Rules - Standard Licence Conditions( ISR-SLC)* li jirregolaw u jistabbilixxu l-parametri li bihom ghandu jigi mmexxi n-negozju minn *Licence Holders* (bhalma hu l-provditur tas-servizz odjern).

Dawn kienu hargu sabiex tinghata certa protezzjoni lill-investituri, u investituri zghar bhall-ilmentatur (*retail clients*) ghandhom protezzjoni akbar.

Fost l-obbligi, il-provditur tas-servizz kellu jikkategorizza lill-klijent, jekk hux *retail client* jew *professional investor.* Il-provditur ma pprezenta l-ebda prova ta' dan u, ghalhekk, kiser dawn ir-regolamenti.

Il-provi li pprezenta l-provditur tas-servizz huma skarsi. Qabel xejn, min ghamel it-tranzazzjoni ma ttellax jixhed u, ghalhekk, ix-xhieda li ta l-ilmentatur dwar dak li realment sehh ma giex kontradett b'xhieda ohra.

L-uniku xhud tal-provditur tas-servizz kien Michael Schembri, li ghamel affidavit[13] fejn ikkonferma li hu kien qieghed jixhed a bazi tad-dokumenti li sab fil-*file.* Filwaqt li pprezenta xi *brochures* ta' prodotti li jghid li kellu l-ilmentatur, kien nieqes hafna fid-dokumenti li suppost kien hemm meta nbiegh il-prodott *Lifemark* li minnu qed isir l-ilment.

Jaghmel biss referenza ghall-*Contract Purchase Note* u l-*File Note* li kien digà pprezenta l-ilmentatur.

Jghid li l-*File Note* kien fiha taghrif bizzejjed biex wiehed jara x'gara waqt l-investiment tal-*Lifemark*, u jghid li galadarba gie iffirmat, dan id-dokument juri dak li gara.

Jekk wiehed jara sew dan id-dokument, maghmul b'tipi irqaq u li bilkemm jista' jinqara, jara li fih hafna tikek f'kaxxi u huwa kompletament dokument ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz.

---

[12] *Purchase Contract Note* a fol 11
[13] A fol 134

Kif qalet sew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz identiku ghal dan, fejn kien inbiegh il-prodott *Lifemark* mill-istess provditur tas-servizz, li ghalkemm dan id-dokument gie iffirmat, ma kienx ifisser li l-klijent kien fehem li l-investiment li kien qed jaghmel kien addattat ghal-livell tar-riskju li ried jiehu.

L-*Investment Services Rules,*[14] qabel xejn, jghidu li:

'*[t]he Licence Holder shall provide appropriate information, in a comprehensible form to its clients or potential clients such that they are reasonably able to understand the nature and risks of the Investment Service to be provided by the Licence Holder and of the specific type of Instrument that is being offered, and consequently to take investment decisions on an informed basis….'*

Il-provditur imkien ma jipprova dan.

L-istess regolamenti jinsistu li jekk jinghata servizz a bazi ta' parir (*advisory service*) irid isir *Suitability Test* u, jekk jinbiegh mod iehor, irid isir *Appropriateness Test.*

Il-provditur ma pprovda l-ebda dokument biex jipprova li ghamel jew *Suitability Test* inkella *Appropriatness Test.* Fil-kaz ta' *Suitability Test*, ir-regolamenti jghidu:

*'The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

[14] *ISR-SLC 2.27*

*c. it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio.'*[15]

L-uniku dokument li gie pprezentat mill-provditur tas-servizz kien *Client Profile* li jmur lura ghall-2003, u li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-prodott *de quo.*

Kif xehed l-ilmentatur, il-prodott inbieghlu a bazi ta' parir li nghata mill-provditur tas-servizz u, ghalhekk, kellu jsir is-*Suitability Test.*

Mir-rekwiziti tas-*Suitability Test* li johrog mir-regolament imsemmi, l-investiment fil-*Lifemark* ma jissodisfax l-objettivi tal-klijent li ried investiment bi ftit riskju.

Meta sarlu investiment ta' €37,000 f'investiment wiehed, u fl-età li kellu, zgur li kien qed jittiehed riskju li l-klijent ma setax jiflah.

Il-provditur kellu wkoll jasal ghall-konkluzjoni, mis-*Suitability Test,* li *' the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction.'*[16]

Filwaqt li l-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova li sar dan is-*Suitability Test* jew l-*Appropriateness Test,* jipprova jghid li l-ilmentatur kellu l-esperjenza ghaliex kellu xi investimenti.

L-ammont ta' dawn l-investimenti ma kienx xi wiehed estensiv u huma differenti mil-*Lifemark,* li kien *asset-backed security;* u anke skont l-*MFSA,* dawn il-prodotti ma setghu qatt jinbieghu lil *retail clients* bhall-ilmentatur.

Il-ftit investimenti li kien ghamel m'ghamluhx '*knowledgeable*' u '*experienced',* li seta' jiehu decizjoni wahdu li jinvesti fi prodott kumpless bhal-*Lifemark.*

Ghalhekk, anke jekk l-ilmentatur qal li kien qara l-*brochure,* ma setax verament jifhem ir-riskji inerenti fi prodott daqshekk kumpless, u kien l-obbligu tal-provditur li jaghmel *Suitability* jew *Appropriateness Test* u, jekk ma jissodisfax dawn il-kriterji, ma kellux jinbiegh lilu.

---

[15] *ISR-SLC 2.16*

[16] Ibid

L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz fuq il-fatti b'mod holistiku u ghandu l- konvinciment morali li l-*Lifemark* ma kienx prodott addattat ghall-profil tar- riskju li kellu u ried jiehu l-ilmentatur, u lanqas kien jilhaq l-aspirazzjonijiet tieghu, li kienu li jzid ftit flus mad-dhul tal-pensjoni tieghu.

L-Arbitru hu tal-fehma wkoll li l-provditur tas-servizz ma osservax ir- regolamenti dwar l-investiment li ssemmew aktar 'il fuq.

L-effett ta' dan mhuwiex wiehed biss regolatorju, imma tali nuqqas jista' jwassal biex l-Arbitru, flimkien ma' konsiderazzjonijiet ohra, jasal ghall-konkluzjoni jekk l-ilment huwiex gustifikat jew le.

Il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li, fost in-normi guridici li l-Arbitru jista' jikkunsidra, hemm ir-regoli u linji gwida li johorgu awtoritajiet regolatorji nazzjonali (bhall-*MFSA*).[17] L-Arbitru jaghti piz lil dawn ir-regolamenti biex jara jekk l-ilment huwiex ekwu, gust u ragonevoli.

L-Arbitru, finalment, irid jasal biex jiddeciedi jekk l-ilment huwiex gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz, u jara jekk intlahqux l-aspettattivi tal-konsumatur.[18]

Biex jasal ghal dan, irid jara l-fatti partikolari tal-kaz: il-profil tal-ilmentatur u, fuq kollox, fejn l-ilment huwa dwar *mis-selling* jekk il-prodott kienx idoneju ghall-klijent; jekk inghatax informazzjoni shiha u korretta sabiex l-ilmentatur ikun jista' jasal ghal decizjoni li dak il-prodott huwa addattat ghall-htigijiet finanzjarji tieghu u l-livell ta' riskju li jrid jiehu.

F'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz ma ssodisfax dawn il-htigijiet.

Ghalhekk, l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu.

Dan huwa kaz ta' bejgh hazin ta' prodott u, ghalhekk, l-ilmentatur ghandu jitpogga fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel sar dan l-investiment.

---

[17] Kap. 555, Art 19(3)(c)

[18] Ibid Art 19(3)(b) u (c)

Filwaqt li fl-ilment originali tieghu l-ilmentatur jghid li t-telf li kien garrab kien bejn €15,000 u l-€20,000, fix-xhieda tieghu quddiem l-Arbitru[19] spjega ezatt li ghalkemm hu kien investa s-somma ta' €37,000, hu kien naqqas is-somma li kien ha bhala rikavat minn dan il-prodott u qligh iehor li kien ghamel minn prodott iehor li kellu mal-istess provditur tas-servizz; u, finalment, jghid li '*issa qed nippretendi €15,000 li nqisu bhala t-telf li kelli mill-investiment tieghi fil-Lifemark.'*[20]

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz, jilqa' l-ilment, sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni, u *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(iv)(c), jordna lill-*GlobalCapital Financial Management Limited* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' hmistax-il elf ewro.

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kaz ghandhom jithallsu mill-provditur tas-servizz.

Dr. Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[19] A fol 129 et seq
[20] A fol 131